**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001**

**Numru 22**

**Avviz. numru 765/00JR**

**Paul Barbara**

**vs**

**Chairman, Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) liema somma rrizultat li thallset ingustifikatament, sabiex jinghata s-servizz ta' l-elettriku wara li l-istess attur gie liberat mill-akkuzi kriminali kollha migjuba kontra tieghu mill-istess korporazzjoni intimata.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 13 ta' Lulju, 1998, 23 ta' Settembru, 1998, 13 ta' Novembru, 1998 u 30 ta' Dicembru, 1998 kif ukoll ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu, 2000, u bl-imghax legali mid-data ta' meta kellu jsir il-hlas lura.**

**Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta prezentata fis-6 ta' Gunju, 2000, fejn intqal:**

i. **preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
ii. **Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont ta' mitt lira (Lm100.00) thallset mill-attur a bazi ta' servizz gdid ipprovdut mill-Korporazzjoni konvenuta lill-istess attur;**
iii. **Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-Korporazzjoni konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attur;**
iv. **Fl-ahhar lok u minghajr pregudizzju it-talba hija ultra vires il-kompetenza "rationae materiae" ta' dan it-Tribunal;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Saviour Decelis u ta' Paul Barbara. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-attur kien hallas mitt lira Maltija fit-23 ta' Lulju, 1994, sabiex jigi installat meter mill-gdid.**

2. **Jirrizulta li impjegati tal-Korporazzjoni kienu mibghuta fil-fond "Josette Store", Costantino Street, Birkirkara, biex jispezzjonaw u jibdlu meter li kien rappurtat wieqaf, u li kellu l-"cover" danneggjat. Meta fethu l-meter sabu bictejn tertuqa li kienu qed jinterferixxu mal-meter u ssejhet il-pulizija.**

3. **Jirrizulta li l-attur kien gie liberat mill-akkuzi kriminali, mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 1998.**

4. **Dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal, ma hemmx lok li din l-eccezzjoni tigi milqugha. It-talba hija ghall-ammont specifiku u fit-termini ta' l-Att V ta' l-1995.**

5. **Dwar li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16, li jipprovdi dwar azzjonijiet li jaqghu preskritti b'terminu ta' hames snin, it-tribunal jirrileva li l-ammont mitlub ilu li thallas mit-23 ta' April, 1994, filwaqt li l-proceduri odjerni infethu fid-19 ta' Mejju, 2000, u kien hemm ittra ufficjali li giet prezentata f'Marzu, 2000.**

**Dwar din ta'l-ahhar it-Tribunal ma jistghax jaghtiha ebda piz, ghax din fil-fatt ma gietx prezentata, lanqas biss ma hemm data li tindika meta giet prezentata, wisq inqas jekk gietx notifikata.**

6. **Fi kwalunkwe kaz il-hames snin kienu gja skadew fl-1999. L-attur qed jargumenta li t-terminu preskrittiv ghadu mghaddiex ghax dan kellu jibda jiddekorri minn meta l-attur sar jaf li l-ammont ma kienx dovut lill-Korporazzjoni. Qed jargumenta li l-perijodu preskrittiv kien sospiz ai termini ta'l-Artikolu 2125 tal-Kap.16. It-Tribunal hu tal-fehma li l-Artikolu citat jispecifika fejn jkun il-kaz li l-perijodu preskrittiv jigi sospiz. Ma jistghax dan l-Artikolu jigi estiz biex ikopri kazijiet ohra, ghajr dawk imsemmija.**

7. **F'dan il-kaz ma hux applikabbli l-Artikolu 2125 tal-Kap.16. Jekk l-attur kellu xi pretensjoni fuq il-mitt lira li hallas, dana kellu l-mezz li jikser l-perijodu preskrittiv permezz ta' att gudizzjarju, haga li hu mghamilx. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ghandha tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant it-tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16, u konsegwentement jichad t-talba attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**